**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11ta' Dicembru, 2020**

**Talba Nru: 76/2020PM1**

**Mario Micallef K.I. 574950(M)) bhala amministratur ta' La Valletta Flat Owners' Association**

**Vs**

**Saviour Casha u Paula Maxine Casha**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hdax (11) ta' Marzu, 2020 permezz ta' liema l-attur talab li l-intimati jigu kkundannati jhallsu is-somma ta' elfejn, sebgha mija u hamsa u sebghin euro (€2775) bhala sehem l-istess intimati mill-kontribuzzjonijiet annwali dovuti lejn l-Assocjazzjoni attrici ghas-snin 2017 sa 2020, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju, 2019 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mat-talba u bl-imghaxijiet ikkalkolati mill-5 ta' Gunju, 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha, in succint, eccepixxa :

1. Illi huwa ma setax ihallas l-ammont mitlub qabel ma giet deciza talba identika ghal dik odjerna imma referibbli ghal snin differenti mill-Onor Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2020 u dana ghaliex b'tali hlas huwa kien ser jippregudika l-posizzjoni legali tieghu.
2. Illi ghaldaqstant il-proceduri odjerni huma intempestivi u rizultat ta' pika li l-atturi ghandhom versu l-intimati tant illi hargu mandat ulterjuri fil-konfront tieghu dana minkejja li kien hemm diga` mandat ta' sekwestru vigenti
3. Illi b'hekk l-intimati qeghdin jammettu l-mertu tal-vertenza odjerna issa li l-vertenza hija definittivament deciza bejn il-partijiet, izda qeghdin jeccepixxu li m'ghandhom jigu kkundannati ghall-ispejjez odjerni u tal-imsemmi mandat kontestwali u dana ghar-ragunijiet kif esposti.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Saviour Casha waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2020.

Ra li l-kawza baqghet differita ghad-decizjoni ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi kif jinsab indikat kjarament mill-istess konvenut permezz tar-raba' eccezzjoni tieghu, it-talba odjerna tinsab mhux kontestata salv ghall-ispejjez tal-kawza. Permezz ta' tali eccezzjoni, il-konvenut jikkontendi li, filwaqt li jammetti l-mertu gjaldarba, skont hu, l-vertenza issa tinsab definittivament deciza permezz tas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz tad-decizjoni datata 30 ta' Settembru, 2020, huwa xorta wahda m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza u tal-imsemmi mandat ghaliex l-attur messu stenna l-ezitu ta' tali proceduri issa decizi mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qabel intavola l-proceduri odjerni.

Illi f'dan ir-rigward xehed ukoll l-istess konvenut waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2020 li, oltre dak minnu eccepit, stqarr li « *naqbel li dawn (l-ammonti mitlubin)*

*ghandi nhallashom pero` nghid li dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont li ghandi niehu jiena* ». Kompla jghid ukoll li « *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li r-raguni li waslet sabiex l-ammont mertu ta' din il-kawza ghadu sal-lum il-gurnata ma thallasx hija li jiena ghadni sal-gurnata tal-lum nippretendi li dawn l-ammonti jitnaqqsu mill-ammont ferm aktar superjuri li jiena ghandi niehu minghand l-assocjazzjoni ghall-ispejjez li hrigt jiena.* »

Illi kjarament il-konvenut m'ghandux ragun fil-pretizi tieghu. Certament li ma jistax jippretendi li terz kreditur jissospendi indefinittivament id-drittijiet tieghu sakemm mertu simili imma li jirrigwardja ammonti ohrajn – anke jekk bejn l-istess partijiet - jigi deciz minn Qrati ohrajn. Kif jinghad u kif jinsab ammess mill-konvenut stess, l-ammonti reklamati mill-Assocjazzjoni attrici permezz tal-azzjoni odjerna jirreferu ghall-kontribuzzjonijiet ghall-erba' snin li jmorru mill-2017 u l-2020 (it-tnejn li huma inkluzi) Ma gie pruvat ebda element li jista' jiggustifika l-eccezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni gjaladarba li l-ammonti mertu tal-kawza jirreferu ghall-perijodi antecedenti ghall-prezentata tal-kawza odjerna. Huwa car li l-ezistenza ta' proceduri li jirrigwardjaw kontribuzzjonijiet dovuti ghal snin ohrajn ma jistax ikollha l-effett tad-dilazzjoni tal-pagament dovut u issa biss ammess mill-konvenut. Kwindi huwa car li ma giet pruvata l-ebda intempestivita`. Dana japplika wkoll fir-rigward tal-ispejjez relattivi ghall-mandat intiz sabiex jikkawtela l-kreditu mertu tal-kawza odjerna b'zieda ma' kwalunkwe kawtela ohra ezistenti rigwardanti ammonti ohrajn. Wisq anqas jista' l-konvenut issa jibqa' jirrifjuta li jhallas l-ammont ammess minnu billi jippretendi li ssehh xi forma ta' tpacija bejn l-ammont reklamat mill-Assocjazzjoni u, kif inghad, ammess minnu u ammont iehor li jidher li ghadu *sub judice* pretiz minnu fil-konfront tal-Assocjazzjoni dana ghaliex t-tpacija issehh skont il-ligi meta tnejn min-nies huma debituri ta' xulxin u fil-kawza tal-lum la gie eccepit u wisq anqas tressqet xi prova fis-sens li l-Assocjazzjoni attrici hija diga` debitrici tal-konvenut. Dana qed jinghad ovvjament minghajr ebda pregudizzju ghal dak li jista' talvolta jirrizulta minn proceduri ohrajn pendenti bejn l-istess partijiet quddiem Qrati ohrajn.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont mitlub ta' elfejn, sebgha mija u hamsa u sebghin euro (€2775) rapprezentanti kontribuzzjonijiet annwali dovuti minnu lill-Assocjazzjoni attrici ghas-snin 2017 sa 2020. Ghar-ragunijiet surreferiti it-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenuti sabiex ihallsu wkoll l-ispejjez tal-kawza odjerna kif ukoll mitluba, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju, 2019 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mat-talba bl-imghaxijiet mid-data tal-ewwel interpellazzjoni legali lill-konvenuti kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**